29 ta' Novembru, 1955

Imħallef:
Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Peter Falzon ne. et. *versus* George Zammit

## Bejgħ ta' Barrin, Baqar u Għoġiela — Annimali — Użi Lokali — Bejgħ "tale quale".

*Fil-pjazza ta' Malta jeżisti, hu veru, l-użu illi, meta jinxtraw baqar u għoġiela, u dawn in segwitu jinstabu affetti minn tiżi avanzata, u bl-ordni tal-veterinarju tal-Gvern jiġu maħruqa u mormija, ix-xerrej għandu dritt għar-rifużjoni tal-prezz li jkun ħallas għalihom, purkè jagħmel it-talba mhux aktar tard minn sitt xhur mill-ġurnata ta' l-akkwist. Dan l-użu mhux applikabbli fil-każ li l-oġġett tal-bejgħ ikun barri; u fil-każ ta' baqar u għoġiela hu applikabbli biss meta jkunu bhejjem ta' Malta, u mhux ukoll meta jkunu miġjubin minn barra.*

*Riferibbilment għall-barrin u bhejjem oħra mpurtati, li mbagħad jiġu mibjugħin mill-għalqa, ossija razzett, hemm l-użu li jgħidulu appuntu "l-użu tal-Għalqa", u li hu dak li l-barri jew bhima oħra jinbiegħu "tale quale", b'mod li l-venditur ma jirrispondi għal ebda difett, vizzju jew marda, li tista' in segwitu tirriżulta; u l-kumpratur jixtrihom kif jarahom.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur nomine talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u l-provvedimenti opportuni, il-konvenut jiġi kundannat iħallas lilhom, fil-kwalitajiet tagħhom fuq indikati, is-somma ta' £393. 7. 7, in kwantu għal £389. 9. 8, għall-prezz ta' barrin, u in kwantu għal £3. 17. 11, għall-"brokerage" bil-wieħed fil-mija fuq l-imsemmija somma; bl-interessi kummerċjali mis-26 ta' Ġunju 1954, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-25 ta' Jannar 1955;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li ssottometta illi huwa lest biex iħallas il-prezz tal-barrin barra ta' dawk kundannati mit-tabib veterinarju tal-Gvern;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi ma hemmx kwistjoni oħra bejn il-kontendenti ħlief dik *illi*, fil-waqt li l-konvenut ma jridx iħallas il-prezz ta' wieħed mill-barrin imsemmijin fl-att taċ-ċitazzjoni, għaliex instab marid bit-tiżi, u għalhekk ġie maħruq u mormi, l-atturi jippretendu li l-konvenut għandu jħallas anki l-prezz ta' dak il-barri;

Illi, fil-fatti, wieħed mill-barrin fuq indikati, li l-konvenut xtara minn għand l-atturi, instab affett minn tiżi *avanzata*, u b'ordni tat-tabib veterinarju tal-Gvern ġie maħruq u mormi (dep. ta' Dottor Andrè Cassar fol. *16)*;

*Illi* l-konvenut jippretendi li hemm l-użu fil-pjazza ta' Malta illi meta jinxtara barri, li in segwitu jinstab affett mit-tiżi, il-kumpratur għandu d-dritt għar-rifużjoni tal-prezz li jkun ħallas għalieħ, purkè jkun għamel it-talba mhux aktar tard minn sitt xhur mill-ġurnata tal-akkwist, għaliex f'dak iż-żmien ikun induna bil-marda;

Illi mix-xhieda ta' Giuseppe Vassallo, li ilu ċirka erbgħin sena (40) fin-negozju tal-bhejjem, jirriżulta illi dak l-użu jeżisti; iżda mhux għall-barrin, imma għall-baqar *miġjuba* minn barra; għaliex għall-baqar u għall-għoġiela li jiġu mpurtati u mbgħad mibjugħa Malta, dak l-użu ma japplikax *(fol. 31)*. Skond ix-xhieda ta' Salvu Falzon, li ilu xi ħamsa u għoxrin sena fin-negozju tal-barrin, dak l-użu huwa applikabbili għall-barrin ukoll, imma dejjem għall-barrin u baqar ta' Malta, u mhux għal dawk li jinxtraw mill-għalqa, jiġifieri mir-razzett fejn jitpoġġew dawk li jiġu miġjubin minn barra (fol. 32);

Illi, riferibbilment għall-barrin u bhejjem oħra mpurtati u *li* mbgħad jiġu mibjugħin mill-għalqa, ossija razzett, hemm l-użu li jgħidulu appuntu "l-użu tal-għalqa", u li huwa dak *li* l-barri jew bhima oħra tinbiegħ "tale quale", jiġifieri min jixtri dawk il-bhejjem jixtrihom kif jarahom, u l-venditur ma jirrispondi għal ebda ħaġa, difett, vizzju, jew marda, li tista' in segwitu tirriżulta (dep. ta' Peter Falzon, ta' John Cachia, tal-imsemmi Giuseppe Vassallo, u tal-imsemmi Salvu Falzon, fol. 16, 24 tergo, 31 u 32, rispettivament);

Illi l-barri in kwistjoni kien wieħed minn dawk li ġew impurtati u li l-konvenut xtara mill-għalqa; u għalhekk huwa applikabbli dan l-użu li l-bejgħ isir "tale quale";

Għaldaqshekk l-eċċezzjoni tal-konvenut ma tistax tiġi milqugħa;

U kwindi tiddeċidi adeżivament għall-istanza; bl-ispejjeż.